MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2014

Numru. 91/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs.**

**Christian Zarb**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kif migjuba kontra:

**Christian Zarb** ta’ 28 sena, iben Vincent u Frances nee` Mifsud, imwieled fil-5 ta’ Novembru, 1985, tal-Pieta` u 38, Triq il-Vitorja, Birkirkara, detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 569585M;

Akkuzat talli f’ dawn il-Gzejjer, gewwa Dolmen Court, fi Triq Ghawdex, San Pawl il-Bahar, li huma propjeta ta’ Donna Debono ID 142386 u/jew persuni ohra fit-23 ta’ Jannar, 2013 ghal habta ta’ l-10:00 ta’ filghodu, bil-hsieb b’ atti esterni u tajt bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-dellitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghek.

Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament gharraqt, hassart, u/jew kissirt il-bieb ta’ barra ta’ l-istess residenza msemmija li jiswa aktar minn €116.47 izda inqas minn €1,164.69 ghad-detriment ta’ Donna Debono ID 142386 u/jew persuni ohra.

Akkuzat aktar talli tajt armi, ghodod jew mezzi ohra li gew uzati fl-ghemil ta’ delitt, meta kont taf li kellhom hekk jigu uzati u xjentament ghent jew assistejt lil Jason Scerri ID 167774M fl-att li bih delitt kien gie ppreparat jew ikkunsmat.

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat.

Rat li l-akkuzat kkonferma l-istqarrija bil-gurament.

Il-Qorti tordna illi x-xhieda kollha li nghatat ma tigi mxandra bl-ebda mod mill-media.

Rat l-ammissjoni ta’ l-akkuzat.

Fhemet ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u li l-akkuzat ghandu bzonn l-ghajnuna sabiex dak li ghamel u li dwaru ammetta ma jergax jsehh.

Fic-cirkostanzi l-Qorti ssibu hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u a tenur tal-Kap 446 Art. 7 qieghdha tohrog ordni ta’ Probation fil-konfornt ta’ l-akkuzat u dana ghal perjodu ta’ tlett snin b’ dan illi l-akkuzat ghandu regolarment jattendi kif ser jigi stabbilit.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------